

Brussell, 2 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13583/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0332(NLE)

JAI 1233
FRONT 289
VISA 191
SIRIS 86

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 549 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 549 final.

Mehmuż: COM(2023) 549 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2023
COM(2023) 549 final

2023/0332 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

F'Ġunju 2018, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntiera, l-istrumenti għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi [COM(2018/473)].

Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi għall-perjodu 2021-2027 (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament BMVI") ġie adottat fis-7 ta' Lulju 2021.

L-iskop tar-Regolament BMVI huwa li jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati (Membri) li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni. Dan jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen li fih jipparteċipaw il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-acquis ta' Schengen ("pajjiżi assoċjati ma' Schengen" jew "pajjiżi assoċjati").

Fit-18 ta' Awwissu 2021, il-Prinċipat tal-Liechtenstein innotifika d-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta l-kontenut tar-Regolament BMVI u li jimplementah fl-ordni ġuridiku intern tiegħu. Il-Kummissjoni tippreżenta din il-proposta qabel ma tkun irċeviet in-notifika tal-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti kostituzzjonali tiegħu biex tevita li tqassar iż-żmien tal-applikazzjoni attwali tar-Regolament BMVI fil-Prinċipat tal-Liechtenstein. F'konformità mal-premessa 75 tar-Regolament BMVI, jenħtieġ li l-konklużjoni ta' tali arranġament isseħħ wara li l-pajjiż ikkonċernat ikun għarraf bil-miktub li ġew issodisfati r-rekwiżiti interni kollha tiegħu.

Il-paragrafu 6 tal-Artikolu 7 tar-Regolament BMVI jipprevedi li jenħtieġ li jsiru "arranġamenti" li jispeċifikaw in-natura u l-modi ta' parteċipazzjoni fil-BMVI tal-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi. Dawn l-arranġamenti jieħdu l-forma ta' ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen f'konformità mal-Artikolu 216 tat-TFUE.

Jenħtieġ li l-ftehimiet jiddefinixxu wkoll il-kontribuzzjoni finanzjarja minn dawn il-pajjiżi għall-baġit tal-Unjoni għall-BMVI. Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji jiġu kkalkulati f'konformità mal-prodott domestiku gross ta' kull pajjiż assoċjat bħala perċentwali tal-prodott domestiku gross tal-Istati parteċipanti kollha.

Bis-saħħa tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni ta' Schengen, il-pajjiżi assoċjati jridu jaċċettaw bis-siħ il-miżuri tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament BMVI, li jiżviluppaw jew jibnu fuq l-acquis ta' Schengen.

Jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni allokat għall-BMVI jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (minn hawn' il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju"). Il-pajjiżi assoċjati ma' Schengen iridu jieħdu wkoll il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju li huma stabbiliti fit-TFUE u fil-liġi tal-Unjoni li tisset il-bażi ġuridika tagħha mit-TFUE.

Il-ftehimiet jintroduċu wkoll mekkaniżmi speċifiċi għal aġġustamenti rapidi għall-ftehimiet, fil-każ ta' bidliet fil-leġiżlazzjoni ewlenija tal-Unjoni rilevanti għall-implimentazzjoni, bħar-Regolament Finanzjarju.

Għall-kontrolli baġitarji u finanzjarji, l-Istati Membri huma soġġetti għal obbligi orizzontali (pereżempju l-kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), tal-UPPE u tal-Kummissjoni), derivati mit-Trattat direttament jew minn leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni. Dawn l-obbligi japplikaw *ipso facto* fl-Istati Membri u

għaldaqstant mhumiex stabbiliti fir-Regolament BMVI. Konsegwentement, dawn l-obbligi jridu jiġu estiżi għall-pajjiżi assoċjati permezz tal-Ftehim ikkonċernat minn din il-proposta.

Il-ftehimiet fihom ukoll dispożizzjoni dwar is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Dan huwa meħtieġ fid-dawl tal-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226, li jispeċifika li kwalunkwe dħul iġġenerat mill-ETIAS li jibqa' wara li dawn il-kostijiet jiġu koperti jrid jiġi assenjat lill-baġit tal-Unjoni. Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2018/1240 b'mod ekwu għall-Istati parteċipanti kollha għal dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-pajjiżi assoċjati għall-faċilità tematika tal-Istrument titnaqqas proporzjonalment jekk u meta d-dħul li jifdal jiġi assenjat għall-baġit tal-Unjoni.

Jenħtieġ li l-Unjoni tikkonkludi ftehimiet ma' kull wieħed mill-erba' pajjiżi assoċjati ma' Schengen. Din il-proposta tikkonċerna l-ftehim mal-Prinċipat tal-Liechtenstein.

It-test tal-Ftehim huwa simili għal daww għall-pajjiżi l-oħra assoċjati ma' Schengen b'xi eċċezzjonijiet, prinċipalment relatati mal-mod ta' ġestjoni.

F'konformità mal-mandat ta' negozjar, il-Liechtenstein mhux se jkollu programm, meta titqies is-sitwazzjoni speċifika tiegħu (l-ebda fruntiera esterna, piż biex jikkonforma mal-qafas regolatorju ta' ġestjoni kondiviża, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni¹, mhux proporzjonat mal-allokkazzjoni inizjali tiegħu ta' EUR 8 miljun għall-perjodu 2021-2027). Il-Liechtenstein minflok se jirċievi l-allokkazzjoni tiegħu taħt ġestjoni diretta. Il-Ftehim għalhekk jipprevedi li l-Liechtenstein se japplika t-Titolu VIII kollu – Għotjiet tar-Regolament Finanzjarju. Għall-kuntrarju tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen l-oħra, ma hemmx bżonn ta' aġġustament għall-mekkaniżmu ta' rieżami ta' nofs it-terminu fl-att bażiku, fin-nuqqas ta' kwalunkwe ċirkostanza identifikata fl-Artikolu 28 tal-BMVI li tkun tippermetti lil-Liechtenstein jibbenefika. Il-Ftehim jistabbilixxi kif il-finanzjament se jsir aċċessibbli għal-Liechtenstein (permezz ta' ftehimiet ta' għotja, skambju annwali mal-Kummissjoni dwar il-ħtiġijiet).

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-iskop ta' din il-proposta huwa l-iffirmar ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-kontribuzzjoni ta' dan il-pajjiż għall-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi għall-perjodu 2021-2027 u dwar ir-regoli supplimentari meħtieġa għal din il-parteeċipazzjoni. Jikkonċerna t-tielet ġenerazzjoni ta' dan it-tip ta' arranġament.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Mhux applikabbli.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta għall-iffirmar tal-Ftehim hija bbażata fuq l-Artikoli 77(2) u 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u kif imsemmi fl-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/1148, il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u għaldaqstant il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija meħtieġa sabiex jiġi implimentat ir-rekwiżit minqax fl-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/1148 li permezz tiegħu għandhom isiru arranġamenti ma' pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen sabiex jiġu speċifikati n-natura u l-modi tal-parteċipazzjoni fl-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(6) tal-Ftehim, huwa meħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim, mill-jum ta' wara l-firma tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

Mhux applikabbli.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli, minħabba li l-proposta hija marbuta mal-programm ta' ġestjoni u għandha l-għan li tiffirma ftehim internazzjonali li għie nnegożjat abbażi ta' direttivi dwar in-negożjati stabbiliti mill-Kunsill. Il-Prinċipat tal-Liechtenstein se ssegwi r-regoli definiti fir-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, u l-artikoli applikabbli tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u r-Regolament Finanzjarju b'mod simili bħall-Istati Membri tal-UE.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-Artikolu 10 u l-Anness tal-abbozz tal-Ftehim jiddeskrivu d-dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-pajjiż assoċjat għall-baġit tal-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, rapportar, prestazzjoni u evalwazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1148 (se) japplikaw għall-Prinċipat tal-Liechtenstein.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux meħtieġa.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u jawtorizza lill-President tal-Kunsill biex jaħtar lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għamlet proposta separata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim meħmuż bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu mill-2021 sal-2027². Il-Kunsill għandu jadotta din id-Deċiżjoni wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

² COM(2023)472

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati³ mal-Iżlanda, mar-Renju tan-Norveġja, mal-Konfederazzjoni Żvizzera u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-arranġamenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-pajjiżi assoċjati u r-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tagħhom, inklużi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-setgħat ta' awditjar tal-Qorti tal-Awdituri, li għandhom jiġu konklużi skont ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. In-negozjati mal-Prinċipat tal-Liechtenstein ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fis-16 ta' Ġunju 2023.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2021/1148 jibni fuq l-acquis ta' Schengen, u d-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iddeċidiet li timplimenta dak ir-Regolament fil-liġi nazzjonali tagħha. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE⁵. Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/442 tal-21 ta' Frar 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠU L 90, 18.3.2022, p.116).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 13(6) tal-Ftehim, il-Ftehim bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5 tiegħu jenħtieġ li jiġi applikat b'mod proviżorju mill-jum ta' wara l-iffirmar tiegħu,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, huwa b'dan approvat, f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim li se jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jstabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Il-Ftehim bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5 tiegħu, għandu jiġi applikat b'mod proviżorju skont l-Artikolu 13(6) mid-data wara l-iffirmar tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*